**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A18-08

20 ta' Mejju 2008

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/18**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 22 ta' Mejju 2008, fit-3.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Approvazzjoni ta' *Financial Statements*
6. Approvazzjoni tal-Kumitat – *Activities Centre*
7. Approvazzjoni tat-tiġdid tal-kuntratt tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips*
8. Proposta tranzazzjoni – Savoy Gardens Ltd
9. Diskussjoni u Deċizjoni dwar ħinijiet u ġranet għall-laqgħat tal-Kunsill
10. Affarijiet Oħra
11. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

17 ta' Ġunju 2008

Ref Nru.Klg5/018

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/18 li saret il-Ħamis 22 ta' Mejju 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fit-3.00 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco. Attenda għall-parti mill-laqgħa, l-Uffiċjal Eżekuttiv Fabian Borg.

**Assenti:**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Ian Micallef.

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Victor Rutter minkejja l-fatt li ġie elett fis-7 t'April 2008, sal ġurnata tal-laqgħa, kien għadu ma ġabx id-dokumenti mitluba minnu għall-ġurament tal-ħatra kif ukoll, iċ-*Chairman* qal, li din kienet it-tieni laqgħa li s-Sur Rutter m'attendiex minn meta ġie elett.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-20 ta' Mejju 2008.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 29 t' April 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. Paġna Nru: 2 –** para 2.1. u **Paġna Nru: 5** – para 3.6. **Paġna Nru: 8** para 8.1. Il-Kunsill ġie nurmat li kemm il-laqgħa li kellha ssir fit-8 ta' Mejju 2008, dwar ir-*re-surfacing in asphalt* tal-*Gżira Housing Estate,* dik li kellha ssir qabel l-20 ta' Mejju 2008, dwar proposti rigward il-*Grand Harbour Regeneration Corporation – Vision for Fort St. Elmo and Marsamxett Harbour* kif ukoll id-diskussjoni dwar kuntratt ta' *Patching*, ma sarux minħabba li l-Perit tal-Kunsill kien imsiefer.

**2.2. paġna Nru. 3** para 2.3. Il-Viċi-Sindku qal, li Jum il-Gżira kien suċċess minħabba l-fatt, li kollox mar skond il-programm.

**2.3. paġna Nru.6 –** para 3.8 Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li ma kienx iltaqa' ma' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar kif kienet ser taħdem l-iskema ta' Separazzjoni ta' Skart Bieb Bieb minħabba l-fatt, li din l-iskema kienet diġa' bdiet tiġi proċessata.

**2.4. paġna Nru. 9** para 10.3. Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-materja kienet ser tiġi diskussa f'*item* Nru; 7 ta' l-*Agenda* – Approzazzjoni tat-tiġdid tal-Kuntratt tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips.*

**2.5. paġna Nru.7** – para 6.1. Iċ-*Chairman* qal, li kien ikkuntattjah s-Sur Richard Borg Ginger fejn qallu li skond il-kuntratt, il-Kunsill kien marbut li jħallas kollox jiġifieri kemm l-ispejjeż tal-konvenut Frank Caruana li kienu €964.75 (Lm414.17) kif ukoll, l-ammont ta' €2329.37 (Lm1,000) liema ammont kien mibgħut lis-Sur Richard Borg Ginger mill-Avukat Frank Cassar bħala *extra judicial expenses*. Huwa kompla jgħid, li s-Sur Borg Ginger qallu, li jekk il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-konvenut Frank Caruana (€964.75), hu ma kienx ser jitlob il-ħlas ta' €2329.37. Jekk dan ma jsirx, kien ser jintbagħat mandat ta' sekwestru fuq il-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li din il-materja għandha tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill u r-risposta ta' Dott Woods għandha tingħata bil-miktub.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-22 ta' Mejju 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat bl-*e-mails* li ntbagħtu kemm mill-Kunsill kif ukoll, mill-Kunsillier Ian Micallef dwar il-laqgħat tal-Kunsill.

**3.4.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ser issir laqgħa għall-Kunsillieri – Reġjun Majjistral fil-31 ta' Mejju 2008 u li għaliha kienu ser jattendu s-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri.

Għalkemm il-Kunsillieri kollha kellhom kopja tad-dokumentazzjoni dwar din il-laqgħa, s-Segretarju Eżekuttiv xorta waħda kellha ssaqsi lill-Kunsillieri li ma kienux preżenti fil-laqgħa sabiex jikkonfermaw il-preżenza tagħhom.

**3.5.** Wara diskussjoni qasira dwar l-ammont dovut mill-Kunsill lid-ditta Aguis Marble Works Ltd rigward il-monument ta' William Apap, fejn il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu l-ammont ta' *invoice* Nru: 83 kellu jkun ta' €350 (Lm150) u mhux €699.00 (Lm300) minħabba l-fatt, li l-bażi kienet diġa hemm meta saret il-funtana. Għalhekk, il-Kunsill iddeċieda li m'għandu jsir ebda ħlas qabel ma din il-materja tiġi diskussa mad-ditta hawn fuq msemmija.

**3.6.** Inqrat ittra u *e-mail* mibgħuta mis-Sur Dominic Pantalleresco fejn ġie ssuġġerit li jitwaqqaf *bust* kemm għall-missieru Giovanni Battista kif ukoll, għall-ħuh Pawlu.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien iltaqa' mas-Sur James Rizzo fejn dan ta' l-aħħar kien qallu li l-familja kienet ukoll qed taħseb fuq dan ir-rigward, iċ-*Chairman* ssuġġerixxa li jinħatar Kumitat u bħala membri jkun hemm rappreżentant minn kull Għaqda. Il-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment kkonċernat sabiex jirċievi l-proċeduri li l-Gvern japplika meta jkollu talbiet simili biex iservu bħala linji ta' gwida.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tal-Kunsillier hawn fuq mimsemmi kif ukoll, li aktar 'l quddiem jiddiskutu minn min ikun kompost il-Kumitat propost miċ-*Chairman*.

**3.7.** Il-Kunsill qabel unanimament, li ma kienx ser jikkonsidra t-talba għar-rimborż li saret mis-Sur Justin Vella għall-ispejjeż li ġarrab fuq il-vettura tiegħu minħabba li kienx hemm provi bizzejjed li jindikaw li l-inċident seħħ fil-post indikat minnu u ġie deċiż ukoll, li f'eventwalitajiet simili sakemm ma jkunx hemm provi li jindikaw b'ċertezza li l-Kunsill huwa responsabbli għad-danni, talbiet simili mhux ser jiġu milqugħa.

**3.8.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba għal *Reserved Parking* li saret lill-*ADT* mis-Sur Edward Attard li joqgħod 135 Triq il-Flotta.

**3.9.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba li saret mid-ditta *GasanMamo Insurance Ltd* sabiex titneħħa l-*parking bay* u titranġa l-bankina f'dik il-biċċa art li hemm quddiem l-istadju l-qadim fi Triq Msida li ġiet mikrija lid-ditta hawn fuq msemmija sabiex issir *parking area* għall-klijenti tagħhom sakemm ix-xogħol bil-permessi kollha neċessarji u l-ispejjeż involuti, jitħallsu mid-ditta GasanMamo u jiġu ċertifikati mill-Perit tal-Kunsill.

**3.10.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 593 sa Nru. 634 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Il-Kunsillier Joe Camilleri ġibed l-attenzjoni għal *Request Sheet* Nru: 628 – bankina fi Triq Reid - €461.65 u qal li fl-opinjoni tiegħu , x-xogħol ma sarx skond l-ispeċifikazzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li Ir-*Request Sheet* Nru: 596 – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Ċirk 33/08 għall-ammont ta' €62 trid tiġi kanċellata minħabba l-fatt, li din kienet diġa ġiet approvata fil-laqgħa preċedenti bħala *Request Sheet* Nru: 583

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 593 sa Nru. 634 barra Nru: 596, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela iżda *Request Sheet* Nru: 628 titħallas kemm –il darba din tiġi ċċertifikata mill-Perit tal-Kunsill.

## 5. Approvazzjoni ta' *Financial Statements*

**5.1.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri dwar is-suġġett hawn fuq msemmi, fejn fost affarijiet oħra l-Uffiċjal Eżekuttiv Fabian Borg informa li paġna Nru: 3 *Statement of Income & Expenditure for the Year ended 31 March 2008*, kienu ppreparati minn Mario Magro Conti pero' ma kienux *final* u l-Viċi-Sindku qal, li l-konklużjoni ta' dan ir-rapport kienet, li l-Kunsill laħaq l-għan tiegħu u l-pożizzjoni għas-sena finanzjarja l-ġdida kienet diċenti pero' ma tħallix lok għall-spejjeż kbar, dawn ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 6. Approvazzjoni tal-Kumitat – *Activities Centre*

**6.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li l-*Amendment to Letter of Acceptance* kienet intbagħtet (ara *Appendix* Nru: 2).

Il-Viċi-Sindku ppropona li jinħatar Kumitat skond il-proċedura li adotta l-Kunsill biex issir *Business Plan* kif ukoll, Nutar minħabba proċeduri bankarji.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li bħala Nutar kien ġie propost in-Nutar Pierre Falzon u meta għamlet kuntatt mal-Kunsillieri kollha, ħadd ma kien oġġezzjona.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda unanimament li ċ-*Chairman* tal-Kumitat ikun il-Viċi-Sindku u ż-żewġ membri li jkunu l-Kunsillier Joe Camilleri u Kunsillier elett f'isem il-Partit Nazzjonalista u flimkien mal-Perit tal-Kunsill ssir *Business Plan* sal-laqgħa li jmiss.

## 7. Approvazzjoni tat-tiġdid tal-kuntratt tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips.*

**7.1.** Ingħata rendikont tal-laqgħa li saret fis-6 ta' Mejju 2008, mas-Sindku, l-Kunsillier Anthony Abela flimkien mal-kuntrattur Emanuel Mifsud dwar il-kuntratt hawn fuq msemmi fejn ġew proposti żewġ *options* li kienu:

i li jiġi estiż il-kuntratt bl-istess ammont ta' dak preżenti jiġifieri €72,280.46 (Lm31,030.) VAT inkluża għal perjodu ta' sena.

ii tinħareġ mill-ġdid Sejħa għall-Offerti

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li dan il-kuntratt jiġġedded bl-ammont u l-perjodu hawn fuq msemmi.

**7.2.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li l-*Contract Management Services* – Alfred Portelli €2981.60 (Lm1280) VAT inkluża kif ukoll, il-kuntratt ta' *Cleaning & Maintenance, Upkeep & Embellishment of Parks, Public Gardens & Soft Areas* - €27,952.48 (Lm12,000) VAT inkluża, jiġu estiżi għal sena mid-data ta' l-għeluq bl-istess ammont. Din id-deċiżjoni dwar dawn it-tlett kuntratti ttieħdet invista tal-fatt, li l-Kunsill ried iħejji l-*Business Plan* fir-rispett tal-proġett ta' l-*Activities Centre*.

**8. Proposta Tranżazzjoni – *Savoy Gardens Ltd***

**9. Diskussjoni u Deċiżjoni dwar ħinijiet u ġranet għall-laqgħat tal-Kunsill**

Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu *item* Nru: 8 u *item* Nru: 9 hawn fuq msemmija, għandhom jiġu diskussi fl-laqgħa fejn il-Kunsillieri kollha jkunu preżenti.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**10. Affarijiet Oħra**

**10.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li l-laqgħa tal-lokalita' ssir it-Tlieta 24 ta' Ġunju 2008 u l-Kunsill jagħmel il-proċeduri neċessarji jiġifieri:

i. tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġurnali lokali ta' kuljum

ii. tixxandar darba fuq ir-radju Nazzjonali

u dan skond l-Att Nru. XV ta' l-1993 Art 70 (1) għat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li dan l-avviż għandu jiġi ppubblikat fil-ġurnal **Impenn** u ġibdet l-attenzjoni għall-parir li fil-passat, il-Kunsill kien irċieva mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li sabiex kull Kunsillier ikun jaf bil-kontenut ta' dan ir-rapport, dan għandu jiġi ppreżentat fl-laqgħa tal-Kunsill qabel ma tissajjaħ il-laqgħa tal-lokalita'.

**10.2.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jiġu ppubblikati żewġ reklami nofs paġna fl-okkażjoni tal-festa, wieħed fil-fuljett tal-Kummissjoni Festi Esterni u ieħor fil-fuljett tal-Banda Mount Carmel Gżira għall-prezz ta' €70 kull wieħed.

**10.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien rċieva mill-ġdid il-kont tad-dawl u l-ilma datat 12 ta' Mejju 2008 għall-ammont ta' €31,823.25 għall-użu ta' dawl u ilma fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa għall-perjodu bejn is-26 ta' Mejju 1992 u s-7 t'April 2008.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid, li minkejja li reġgħet irċeviet il-kont bl-ammont hawn fuq msemmi, kienet bagħtet *e-mail* lis-Sur John Saliba għan-nom ta' l-Enemalta fejn wara li s-Sur Saliba kkonferma l-ammont rivedut jiġifieri dak ta' €5796.12 (Lm2488.27) u nforma li l-Kunsill kellu jirċievi b'mod uffiċjali dan il-kont rivedut madanakollu qal, li l-proposta tal-Kunsill kif kienet ġiet deċiża fil-laqgħa tiegħu li saret fis-27 ta' Marzu 2008, jiġifieri, li minn April 2008, jibda jsir pagament annwali ta' €1,200 mingħajr interessi, ma setgħetx tiġi milqugħa u l-kont rivedut irid jitħallas fi żmien ħamsa u erbgħin ġurnata minn meta l-Kunsill jirċevih.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li niktbu lill-Korporazzjoni hawn fuq msemmija sabiex tibgħat ittra ffirmata, li l-ammont ta' €5796.12 dovut mill-Kunsill għall-perjodu msemmi fil-kont oriġinali, hu meqjus bħala *full and final settlement.*

**10.4.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ċemplet persuna li kienet għada kemm fetħet *Nursery School* f'Misraħ Turu Colombo u talbet li b'mod uffiċjali mill-Kunsill, l-Ommijiet tat-tfal jiġu eżentati anke fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ ta' l-iskola kif ukoll, infurmat li l-Pulizija kien qed iħalli lill-ġenituri ta' dawn it-tfal jgħaddu kontra d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Reid waqt il-ħinijiet ristretti li hemm fuq it-tabelli.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li din il-materja għandu jidħol fiha f'aktar dettal, il-Kunsillier Joe Camilleri bħala l-persuna responsabbli f'dan il-qasam.

**10.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li invista tat-talba li saret mis-Sur Kurt Friggieri sabiex a spejjeż tal-Kunsill, jitħaffru erba' ħofor fi Triq Ponsonby biex jiġu nstallati bandalori għall-festa kif ukoll, erba' *covers* tal-*cast iron* għall-istess ħofor, dawn għandhom jissottomettu l-istima ta' l-ispejjeż.

**10.6.** Iċ-*Chairman* qal, li kien qed isiba diffiċli sabiex jiffinalizza t-tieni ħarġa tar-rivista tal-Kunsill minħabba li kienet impennjattiva ħafna u għalhekk kien qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsillieri.

## 11. Laqgħa Oħra

**11.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fl-4.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K192/119/08**

**May 2008 KLG5/18**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| **593** | **Sir Adrian Dingli (Pembroke) Girls Junior Lyceum donazzjoni ta' kotba appr.29.04.08 Klg5/17** | **58.00** | **5440** |
| **594** | **Skola Sekondarja Antonio Bosio Gżira donazzjoni kotba Jum il-Premjazzjoni appr. 29.04.08 Klg5/17** | **58.00** | **5414** |
| **595** | **Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Ċirk 33/08 Skema ta' Saħħa 2008-2009 appr. 29.04.08 Klg5/17** | **570.00** | **5415** |
| **596** | **Assoċjazzjoni Kunsili Lokali-Assikurazzjoni dwar flus fil-Kunsilli Lokali 2008-2009 appr.29.04.08 Klg5/17** | **62.00 – Cancelled See R/Sheet No:583** | |
| **597** | **Sign Services – Tabella fuq Pole fis-Central Strip Xatt re U.I.F. appr. 29.04.08** | **143.73** | **pending** |
| **598** | **Sur Carmelo Ciantar – parti spejjeż – Mejda ta' l-Appostli** | **116.00** | **5421** |
| **599** | **Sur Richard Borg Ginger Bilanċ skond it-taxxa tal-Qorti re 123 Triq Cameron appr. 29.04.08** | **1674.75** | **5384** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 600 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9187 Job No: 7188 Traffic Signs | 76.28 | 5422 |
| 601 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 9212 Job No: 7754 Road Markings | 126.36 | 5423 |
| 602 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9213 Job No: 7755 Road Markings | 275.30 | 5424 |
| 603 | Koperattiva Tabelli u Sinjali Invoice 9214 Job No: 7756 Road Markings | 149.58 | 5425 |
| 604 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9215 Job No: 7757 Road Markings | 131.81 | 5426 |
| 605 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 9259 Job No: 7228 Traffic Signs | 69.68 | 5427 |
| 606 | Bitmac Works Ltd – Asphalt for potholes | 57.75 | 5381 |
| 607 | Bitmac Works Ltd – Asphalt for potholes | 38.50 | 5385 |
| 608 | The Toolbox invoice Nos: 7402-7445-7452 7477 | 59.11 | 5428 |
| 609 | Conmal Ltd invoice No: 1241 Maint Bozoz W123 – W097 – W029 – C024 – W076 | 161.94 | 5429 |
| 610 | Squire Bookshop invoice 006470 Stationery April 2008 | 29.64 | 5430 |
| 611 | Squire Bookshop invoice 6480 Newspapers April 2008 | 32.17 | 5431 |
| 612 | Environmental Landscapes Cons. Ltd invoice 004040 Maint of soft areas April 2008 | 2212.93 | 5432 |
| 613 | GO plc invoice 20474825 Tel: 21341616 Rent May Calls April 2008 | 28.17 | 5369 |
| 614 | GO plc invoice 20475748 Tel: 21322157 Calls April Rent May2008 | 207.77 | 5370 |
| 615 | GO plc invoice 20474812 Tel: 334254/341034 Calls April Rent May2008 | 75.78 | 5368 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **616** | **Pace & Mercieca invoice 514099 Varnish paint embellishment Strand** | **162.27** | **5433** |
| **617** | **Venture Trading Invoice No: 10714 Stationery Toner** | **121.00** | **5434** |
| **618** | **Stardelta Hardware Store Invoice 3993306 3993307 – 3993308 paint Strand** | **50.68** | **5435** |
| **619** | **Melita Cable plc invoice 25147375 Hello Service** | **153.41** | **5437** |
| **620** | **Melita Cable plc invoice 25128192 - 01.05.08 to 30.06.08** | **23.30** | **5436** |
| **621** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397635 Door to Door Collection May 2008** | **5590.50** | **5441** |
| **622** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397636 Hire of Skips May 2008** | **432.87** | **5442** |
| **623** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397637 Public Convenience May 2008** | **836.06** | **5443** |
| **624** | **Mr. Em. Mifsud invoice 2397638 Bulky** | **744.47** | **5443** |
| | **Service April 2008 – 136 Calls** | | |
| **625** | **Mr. Joe Borg Spejjeż papri May2008** | **46.59** | **5445** |
| **626** | **G4S (Malta) Ltd invoice 24423 – 5 Trips January 2008** | **37.82** | **5438** |
| **627** | **G4S (Malta) Ltd invoice 24931 – 4 Trips April 2008** | **30.26** | **5439** |
| **628** | **Vincent Farrugia inv. 02.05.08 – Bankina Fi Triq Reid** | **461.65 – Awaiting from Perit** | |
| **629** | **Steve R. Farrugia Inv. 9 Street Sweeping Grass Cutting April 2008** | **4588.89** | **5446** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **630** | **Steve R. Farrugia Inv.10 Street Sweeping on Sundays –April 2008** | **378.52** | **5447** |
| **631** | **3D Distribution of Council Information invoice No: 1908 Jum Gzira Computer Courses** | **123.14** | **5448** |
| **632** | **3D Distribution of Council Information Booking Order No: 2811 Sep of Waste** | **123.14** | **5449** |
| **633** | **Mr. David Grasso – Jum il-Gżira Sound 11.05.08** | **47.00** | **5382** |
| **634** | **Falcon Service Stationery Invoice No:7825 10 Dog Fouling Signs.** | **253.46** | **5417** |

Ref No: K058a10/08

15 May 2008

D'Aniens Development Ltd
J. Bontempo Mansions
Flat 2 Upper St. Albert Street
Gżira

Dear Sirs

**Amendment to Letter of Acceptance**

Further to our Letter of Acceptance Ref K058/10/08 dated 11 February 2008 and the meeting held with your good selves on the 9 April 2008, kindly be informed, that the following clarifications have been agreed upon during the Council's executive meeting held on the 29 April 2008:

i the lease of the premises occupying a gross floor area of 120 sq metres amounts to €25.62 (Lm11) VAT included.

ii. the annual ground rent amounts to €232.94 (Lm100) per annum.

iii. an additional toilet for Persons with Special Needs will be installed by your good selves.

iv. both the Letter of Acceptance dated 11 February 2008 and this amendment, are subject to the obtaining all the necessary relevant permits especially M.E.P.A. approval.

In view of the above, you are kindly requested to sign this document signifying your acceptance and approval.

| | |
|---|---|
| Dr. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Mayor | Executive Secretary |